MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 61/2006/1

**Avviz Numru: 61/2006 fl-ismijiet:-**

**Dunstan u Diane konjugi Magro**

**vs**

**Wembley Crane Hire Limited (C5773), Wembley Construction Limited (C5268) u Joseph Bonello Karta tal-Identita` 12648(M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fit-2 ta' Novembru 2010 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors datat is-16 ta' Marzu tas-sena 2006, li permezz tieghu r-rikorrenti sejhu lill-intimati fuq indikati*

*sabiex jghidu ghaliex m' ghandhomx ikunu kkundannati, jew min minnhom:*

*1. Illi jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000.00), in linea ta' danni subiti mir-rikorrenti b'rizultat tal-incident li sehh fis-27 ta' Mejju tas-sena 2004, fil-proprjeta` taghhom numru 35, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, kif ukoll fil-fond sottostanti proprjeta` ta' terzi, u cioe` 37, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, ghal liema danni r-rikorrenti kellhom wara jaghmlu tajjeb, meta l-crane misjuq minn, u taht il-kontroll tal-intimat Joseph Bonello, b'numru ta' registrazzjoni WCH-006 gheleb ghal fuq il-fondi msemmija, u dan minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' attenzjoni tal-istess Joseph Bonello waqt illi kien qieghed iwettaq xoghlijiet fuq il-fond proprejta` tar-rikorrenti, ghal liema danni huma wkoll responsabbli is-socjetajiet Wembley Crane Hire Limited u/jew Wembley Construction Limited, jew min minnhom in kwantu persuni inkarigati mix-xoghlijiet fuq il-post, liema hlas l-intimati ma effettwawx minkejja illi gew bosta drabi interpellati.*

*2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 351/2006, dawk tal-ittra ufficjali pprezentata wara l-istess sekwestru kontestwalment mal-prezentata ta' dan ir-rikors, dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Settembru tas-sena 2005 u tal-1 ta' Ottubru tas-sena 2004, u dawk tal-ittri legali tat-22 ta' Gunju tas-sena 2004, tat-28 ta' Marzu tas-sena 2005, tal-1 ta' Settembru tas-sena 2005 u tal-1 ta' Frar tas-sena 2006, u bl-imghaxijiet mill-1 ta' Ottubru tas-sena 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati illi huma ngunti ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tas-socjeta` Wembley Crane Hire Limited u ta' Joseph Bonello datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2006, li permezz taghha wiegbu s-segwenti:*

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti ma kienu bl-ebda mod responsabbli ghall-incident imsemmi fir-rikors taghhom, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, it-talbiet tar-rikorrenti huma eccessivi u mhux reali.*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Rat ir-risposta tas-socjeta` Wembley Constructions Limited datata wkoll il-15 ta' Mejju tas-sena 2006, li permezz taghha wiegeb is-segwenti:*

*1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta` intimata la ghandha u lanqas qatt kellha relazzjoni guridika mar-rikorrenti u ghalhekk, ghandha tigi liberata mill-osservanza talgudizzju.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` intimata ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident imsemmi fir-rikors tar-rikorrenti kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, it-talbiet tar-rikorrenti huma eccessivi u mhux reali.*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Semghet ix-xhieda prodotta.*

*Ezaminat id-dokumenti esebiti.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet prodotti mir-rapprezentanti legali tal-partijiet.*

*Ikkunsidrat:*

*IIli l-pretensjoni tar-rikorrenti tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:*

*1. Illi waqt li l-fond proprjeta` tar-rikorrenti sitwat f'numru 35, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, kien fi stat ta' kostruzzjoni fejn fil-mument tal-incident in dizamina dan kien wasal fit-tielet (3) sular tieghu, fejn stante li kien hemm xoghol ta' kostruzzjoni f'bini adjacenti, il-"crane" li*

*kienet qed taffettwa dan ix-xoghol inqalbet, waqghet fuq il-bini tar-rikorrenti u kkagunat hsarat ingenti.*

*2. Illi dawn il-hsarat gew dettaljatament elenkati mill-Perit Richard Aquilina, espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti li ssejjah wara l-incident.*

*3. Illi l-"crane" in dizamina li inqalbet u kkagunat il-hsara fil-proprjeta` tar-rikorrenti kienet qed tigi manuvrata mill-intimat Joseph Bonello.*

*4. Illi skont kif jirrizulta mill-konkluzjoni fl-inkjesta Magisterjali fuq ir-rizultanzi tal-perit espert fuq indikat u tal-espert mekkaniku Joseph Zammit ukoll mqabbad mill-istess Magistrat Inkwirenti, il-"crane" manuvrat mill-imsemmi intimat Joseph Bonello ma kellux l-"out riggers" mahrugin ghal kollox kif suppost u lanqas jirrizulta li kien elevat fuq il-'hydraulic jacks" kif suppost ghall-piz li kien qed itella'.*

*5. Illi minn ezami akkurat tad-dokumenti esebiti mir-rikorrenti l-ammont ta' danni minnhom mitlub hu debitament assodat.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi skont l-intimati, il-provi minnhom prodotti jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:*

*1. Illi hu minnu li l-intimat kien responsabbli mill-manuvrar tal-"crane" de quo fil-hin tal-incident.*

*2. Illi l-intimat Bonello jsostni li hi s-socjeta` Wembley Crane Hire Limited li hi ko-responsabbli ghall-akkadut fil-waqt li s-socjeta` intimata l-ohra, - il-Wembley Construction Limited – hi ghal kollox estranea ghal dan, (ara fol. 308).*

*3. Illi l-incident in dizamina sehh meta l-intimat Bonello kien qed itella "fork lift" fejn " ... smajt zewg tqarmiciet u cioe` hsejjes u l-crane beda jmur", (ara fol. 309).*

*Ikkunsidrat:*

*Illi mill-ezami tal-esperti moninati fuq indikati jirrizulta ssegwenti:*

*1. Illi l-intimat Bonello kien qed jimmanuvra l-"crane" de quo.*

*2. Illi meta dan il-crane intrama jirrizulta s-segwenti:*

*i. la l-outruggers tieghu ma infethu bizzejjed, u*

*ii. lanqas jirrizulta li l-"crane" kien elevat fuq il-"hydraulic jacks" tieghu.*

*3. Illi ghalhekk il-persuna li kienet ramat il-"crane" u li kienet qed toperah, kienet il-persuna li hi responsabbli ghad-danni kollha riskontrati stante li jirrizulta assodat li din il-persuna ppekkat gravament fis-sengha u fl-arti involuti, u konsegwentement, hu wkoll responsabbli ghad-danni minnu kkagunati.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi stante l-ammissjoni tal-intimat fir-rigward, (ara fol. 308), is-socjeta` intimata Wembley Crane Hire Limited hi koresponsabbli ghall-istess.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, filwaqt li takkolji r-risposta tas-socjeta` intimata Wembley Constructions Limited, tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Illi pero` in vista ukoll tas-suespost takkolji t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta` intimata Wembley Crane Hire Limited u tal-intimat Joseph Bonello, u filwaqt li tirrisepingi r-risposta taghhom, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:*

*1. Tikkundanna lis- socjeta` intimata Wembley Crane Hire Limited u lill-intimat Joseph Bonello biex ihallsu lir-rikorrenti Dunstan u Diane konjugi Magro s-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000.00), ekwivalenti ghal*

*hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86) ghad-danni minnkom kagunti fil-fond 35 u 37, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, fis-27 ta' Mejju tas-sena 2004, meta l-"crane" manuvrat mill-intimat Bonello gheleb fuq l-imsemmija fondi, u dan minhabba negligenza, imperizja u nuqqas t' attenzjoni tal-istess intimat Bonello kif indikat.*

*Bl-ispejjez kif indikati fl-istess rikors promotur u bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru tas-sena 2004".*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta Wembley Crane Hire Limited (C 5773) u Joseph Bonello datat 22 ta' Novembru 2010 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressqa tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta` Dunstan u Diane konjugi Magro datata 20 ta' Dicembru 2010 a fol 14 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Antonio Tufigno ghall-appellat u Dr. Joseph Zammit ghall-appellanti Joseph Bonello prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 2 ta' Novembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tal-appellant huwa (a) li socjeta’ appellanti u lanqas l-appellanti personalment ma huma responsabbli ghall-hsara kkaganuta kemm ghaliex il-krejn ma kellu ebda malfunzjonament, u dwar l-appellanti proprju ghaliex provi dwar tali responabilita’ ma ngabux provi ghaliex jidher li l-Qorti strahet biss fuq l-inkjesta magisterjali, izda konsegwenti ghall-istess lanqas ingabu ebda proceduri kriminali kontra l-appellant proprju; inghad ukoll fis-sentenza li kien hemm ammissjoni tal-appellant (fol. 308), izda fil-verita’ ma kienx hemm tali ammissjoni; (b) ma gewx ikkunsidrati l-lamenteli tal-appellanti dwar l-ammont ta’ danni u nghad li l-Qorti ma kkunsidratx l-osservazzjonijiet li ressqu l-appellanti fuq Dok. “P 2”, “P6 sa P9”, “P12 sa P 14”, “P15”, “P18”, u “P19”; (c) l-imghax kellu jidekkorri mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tal-ittra ufficjali; (d) dwar l-ispejjez ta’ Wembley Construction Limited dawn kellhom jigu sopportati mill-atturi; fi kwalunkwe kaz minhabba li d-danni huma inqas mill-ammont mitlub mela allura kellu jkun hemm spartizzjoni ta’ danni.

Illi dwar ir-responsabbilta’ jinghad li l-Ewwel Qorti strahet fuq il-provi kolla migjuba quddiemha, nkluz ix-xhieda prodotta u r-rapport tal-inkjesta magisterjali minn fejn jirrizulta li l-krejn, proprjeta’ tas-socjeta’ Wembley Construction Limited li qabdet lill-appellant Joseph Bonello sabiex jopera l-istess, kien gie armat hazin u dan peress li ma kellhux l-*out riggers* mahrugin ghal kollox u lanqas kien gie elevat il-*hyrdaulic jacks* kif suppost ghall-piz li kien qed jittella u dan jinsab ikkonfermat ukoll mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit, liema provi bl-ebda mod ma gew kontrastati mill-appellanti. Jidher ghalhekk li kemm is-socjeta’ proprjetarja responsabbli mill-istess krejn u l-operazzjoni tieghu mill-appellant personalment li kien qed jimmanuvra l-krejn fil-mument tal-akkudat kienu negligenti bil-mod kif gie armat l-istess krejn u ghalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti li r-responsabbilta’ tal-akkadut giet attribwita liz-zewg appellanti u dan iktar u iktar meta ssir referenza ghas-sentenza **“Brian Micallef vs Brian Tyre Services**

**Limited u Noel Gauci"** (P.A. (GCD) – 20 ta' Frar 2003) fejn fir-rigward tal-ambjent tax-xoghol, jinghad li fejn dan ikun jikkoncerna socjeta' kummercjali, ir-responsabbilta' tas-socjeta' hija hemm tramite ir-rapprezentanti taghha, izda hemm ukoll l-operat ta' persuni fizici u mhux minn persuni morali kif gie ritenut fis-sentenza, li f'kazijiet ta' kulpa akwiljana jkunu responsabbli wkoll personalment ghall-operat tagghom, iktar u iktar fuq materji ta' xoghol li jsir mid-dipendenti taghhom u fil-fatt mill-provi rrizulta li peress li l-istess krejn kien armat hazin dan waqa' jew gheleb fuq u kkawza hsara fuq l-immobbli msemmija u ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar l-ammont ta' danni jirrizulta li dawn gew konstatati permezz ta' prospett immarkat bhala Dok. "DM 1" li huwa dettaljat hafna u sopportat minn diversi dokumenti u wkoll ikkonfermat mix-xhieda prodotti, izda l-ammont li huwa hekk sopportat huwa dak ta' Lm4,271.58, u allura d-differenza bejn l-ammont mitlub u dak li jirrizulta mill-istess prospett ma jikkombacjawx, u din il-Qorti qed tirrigetta bhal mhux ippruvati l-ammont allegat ta' danni msemmija fl-istess prospett ammontanti ghal Lm728.42, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma humiex sorretti mill-provi u li allura l-atturi naqsu li jippruvaw. Jinghad ukoll li l-argument li l-atturi huma *certified accountants* u awdituri u li minhabba dan l-incident tilfu il-hin fuq l-lant tal-akkadut u konsegwentement kien hemm telf ta' profitt ghaliex kellhom iqattghu hin fuq dan l-incident ma jwassalx fih innifsu ghall-prova tad-danni reklamati u ghalhekk tali prova fil-kuntest tal-ammont ta' Lm728.42 mis-somma mitluba fl-Avviz attrici ma saritx.

Illi dwar l-aggravvji l-ohra mqajjma mill-appellanti jinghad li din il-Qorti wara li ezaminat dettaljatament id-dokumenti esebiti li jissapportaw l-istess rendikont tal-atturi, jirrizulta li tali aggravji ma humiex fondati u f'dan il-kuntest din il-Qorti qed taccetta l-prova li saret mill-atturi, li b'ebda mod ma giet newtralizzata mill-appellanti la mill-osservazzjonijiet minnhom maghmula u wisq inqas mill-provi minnhom prodotti fl-ewwel istanza u hawn issir ukoll riferenza ghal dak li inghad fir-risposta tal-appellati a fol. 17 sa 20 tal-process inkwantu din tirreferi ghall-ammonti

kollha kontestati fl-appell odjern, dejjem bl-eccezzjoni ghal dak li inghad ghas-somma ta’ Lm728.42, peress li kif gja indikat f’din is-sentenza tali ammont ta’ Lm728.42, a differenza tal-ammonti l-ohra, bl-ebda mod ma gie ppruvat mill-atturi. Ghalhekk dwar id-danni din il-Qorti qed tilqa’ parzjalment l-appell tal-appellanti b’dan li d-danni sofferti mill-atturi jammontaw ghall-Lm4,271.58 ekwivalenti ghal €9,950.10 u f’dan is-sens is-sentenza tal-Ewwel Qorti qed tigi riformata.

Illi in vista ta’ dak hawn deciz jirrizulta li l-ammont ta’ danni li qed jigi accettat mill-Qorti huwa inqas minn dak mitlub, u ghalhekk minhabba dan l-ammont ta’ imghax ghandu jiddekorri mid-data minn meta l-appellanti taw ruhhom notifikati bl-Avviz tal-kawza fis-seduta tal-25 ta’ April 2006 (fol. 11).

Illi dwar l-ispejjez tas-socjeta’ Wembley Construction Limited din il-Qorti thoss li f’kaz fejn l-konvenuti kollha kienu qed jikkontestaw ir-responsabbilta` tal-incident, l-atturi ma setghux jirriskjaw lil min iharrku dwar l-akkadut u dan iktar u iktar meta jidher li hadd mill-konvenuti ma kien b’xi mod qed jikkollabora mal-atturi sabiex ikun hemm xi soluzzjoni ghal din il-vertenza, allura dan l-aggravvju qed jigi respint. Dwar l-apporzjonament tal-ispejjez bejn il-partijiet f’dan l-appell din il-Qorti thoss li la darba l-ammont ta’ sorte ma giex accettat kollu minn din il-Qorti, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati kwantu ghal sitt parti minn sebgha (6/7) mill-appellanti, u kwantu ghall-parti minn sebgha (1/7) mill-appellati.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appellati biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell kontenut fir-rikors tal-appell tal-appellanti Wembley Crane Hire Limited u Joseph Bonello datat 22 ta’ Novembru 2010 dwar l-aggravju ta’ responsabbilta’ tal-akkadut, u dwar l-ispejjez tas-socjeta’ Wembley Construction Limited, izda tilqa’ l-appell in parte tas-socjetajiet appellanti dwar l-**

**ammont ta' danni, u wkoll dwar id-data minn meta ghandu jiddekorri l-imghax fuq l-ammont ta' sorte accettat mill-Qorti bhala danni f'din il-kawza, b'dan ghalhekk li fil-waqt li tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet premessi datata 2 ta' Novembru 2010 in kwantu sabet lill-appellanti konvenuti responsabbli ghad-danni kkawzati lill-atturi fis-27 ta' Mejju 2004 kollox kif indikat fit-talba fl-Avviz tal-atturi, izda tirriforma l-istess sentenza billi minflok tikkundanna lill-istess appellanti konvenuti jhallsu lill-atturi appellati l-ammont ta' disat elef disa` mija u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€9,950.10) ekwivalenti ghal erbat elef mitejn u wiehed u sebghin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm4,271.58) ghad-danni kagunati fil-fondi 35 u 37, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, kif indikat fl-istess avviz, u bl-imghax fuq l-istess somma ta' disat elef disa` mija u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€9,950.10) dekorribbli mill-25 ta' April 2006 sal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez tas-socjeta' Wembley Construction Limited ghandhom jigu sopportati mill-appellanti, izda minhabba dak hawn deciz l-ispejjez l-ohra ghandhom jigu sopportati kwantu ghal sitt parti minn sebgha (6/7) mill-appellanti, u kwantu ghal parti minn sebgha (1/7) mill-appellati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------